

Brussell, 24 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6496/1/26  
REV 1

LIMITE

TRANS 83  
BY 2

## NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5999/26
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Unjoni għal talba lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) biex iġib l-imblokki tat-trakkijiet fir-Repubblika tal-Belarusija għall-attenzjoni tal-membri tan-NU/KEE - Approvazzjoni

---


1. Fl-11 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art dwar is-sitwazzjoni b'rabta mat-tkomplija tal-imblokkar ta' vetturi heavy-duty irreġistrati fil-Litwanja u fil-Polonja mill-awtoritajiet Belarussi qrib il-punti ta' qsim tal-fruntiera.
2. Il-Kummissjoni tipproponi li l-Presidenza titlob lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE jiddiskuti l-kwistjoni fil-laqgħat li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) u/jew il-Grupp ta' Esperti tal-AETR.
3. Il-kwistjoni ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fis-17 u l-24 ta' Frar 2026. Id-delegazzjonijiet appoġġaw liż-żewġ Stati Membri affettwati direttament, filwaqt li enfasizzaw li approçè ikkoordinat mill-UE jista' jqajjem kuxjenza dwar ir-riskji għaċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' vetturi li jgħorru merkanzija, u jippromwovi t-tfittxija għal soluzzjoni permezz ta' diskussjoni fil-livell multilaterali. Matul id-diskussjonijiet, iż-żewġ delegazzjonijiet affettwati direttament għamlu xi suġġerimenti ta' abbozzar, li l-biċċa l-kbira tagħhom ġew inkorporati fl-abbozz tat-test tal-pożizzjoni tal-Unjoni u fl-ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE waqt l-eżami finali fil-Grupp ta' Ħidma fl-24 ta' Frar 2026.

4. Għaldaqstant, il-Kunsill mistieden, soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti:

- japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni li rriżultat mid-diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma, u
- jaqbel li tintbagħat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE,

kif tinsab fl-anness ta' din in-nota.

---



**IMBLOKKI TAT-TRAKKIJIET FIR-REPUBBLIKA TAL-BELARUSSJA****1. SFOND U KUNTEST**

Bejn id-29 ta' Ottubru 2025 u d-19 ta' Novembru 2025, il-Litwanja għalqet il-fruntiera tagħha mal-Belarussja, minħabba tħassib dejjem akbar dwar is-sikurezza u s-sigurtà<sup>1</sup>. Ingħataw eżenzjonijiet għat-trasport bit-triq għat-tranżitu ta' Kaliningrad, il-persunal diplomatiku, iċ-ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-pajjiżi tan-NATO, u t-trasportaturi tal-merkanzija Ewropej li jkunu qed jirritornaw lejn l-UE.

Skont il-gvern Litwan u dak Pollakk, l-awtoritajiet Belarussi introduċew restrizzjonijiet fuq il-moviment ta' trakkijiet u semitrejlers/trejlers irreġistrati f'dawk l-Istati Membri fit-territorju Belarussu, li jippermettulhom jidħlu/joħorġu biss mit-taqsim tal-fruntiera Belarussa li tmiss mal-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Fir-rigward tal-vetturi Pollakki, l-awtoritajiet Belarussi introduċew dawk ir-restrizzjonijiet mill-2023.

Fil-kuntest ta' dawn ir-restrizzjonijiet, 1 000 vettura rreġistrata fil-Litwanja u madwar 500 semitrejler irreġistrati fil-Litwanja, iżda għad-dispożizzjoni unika tat-trasportaturi Pollakki, ma tħallewx jirritornaw lejn it-territorju tal-UE, minħabba deċizzjonijiet suċċessivi tal-awtoritajiet Belarussi, minkejja l-ftuħ mill-ġdid tal-punti ta' qsim tal-fruntiera. Il-vetturi rreġistrati fl-UE ġew diretti b'mod awtorevoli lejn żoni ta' parkeġġ iddedikati fil-Belarussja, b'tariffa għall-parkeġġ ta' kuljum ta' EUR 120 għal kull trakk, b'riskju li l-vetturi jiġu kkonfiskati mill-awtoritajiet Belarussi fin-nuqqas ta' ħlas.

Wara d-diversi miżuri Belarussi, inqalgħet problema b'kombinazzjonijiet ikkombinati ta' vetturi (trattur-trejler Pollakk u semitrejler Litwan). Minħabba regolamenti Belarussi differenti għall-vetturi Pollakki u Litwani, dawn il-kombinazzjonijiet bħalissa ma għandhom l-ebda mod kif jitilqu mit-territorju tar-Repubblika tal-Belarussja.

---

<sup>1</sup> Ara wkoll il-Kunsill Affarijiet Barranin, 15 ta' Diċembru 2025: [Belarussja:il-Kunsill iwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġim ta' sanzjonijiet biex ikopri attivitajiet ibridi kontra l-istati membri tal-UE.](#)

Il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) hija forum internazzjonali ewlieni li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi membri tagħha fit-trasport bit-triq permezz ta' djalogu ta' politika, negozjar ta' strumenti legali, żvilupp ta' regolamenti u normi, u skambju tal-aħjar prattiki kif ukoll għarfien espert ekonomiku u tekniku. L-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll il-Belarussja, huma Membri tan-NU/KEE. Is-Segretarjat tan-NU/KEE qed jimmaniġġa b'mod partikolari l-ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR).

## 2. IL-POŻIZZJONI TAL-UNJONI

### a. *L-impatt tal-miżuri meħuda mir-Repubblika tal-Belarussja*

L-immobilizzazzjoni ta' dawn il-vetturi mill-awtoritajiet Belarussi mhijiex aċċettabbli. B'mod partikolari, azzjonijiet bħal dawn huma kontra l-prinċipji ġenerali tar-Riżoluzzjoni Konsolidata tan-NU/KEE dwar il-Faċilitazzjoni tat-Trasport Internazzjonali bit-Triq (R.E.4)<sup>2</sup>, kif ukoll l-ispirtu tal-AETR<sup>3</sup>.

L-awtoritajiet Belarussi ma pprovdewx ġustifikazzjonijiet lill-Istati Membri kkonċernati.

Jixraq għalhekk li, fid-dawl tal-gravità u n-natura sistemika potenzjali tagħha, in-NU/KEE u l-Partijiet Kontraenti kollha għall-AETR fin-NU/KEE jiġu infurmati dwar l-imġiba tal-awtoritajiet Belarussi msemmija hawn fuq fir-rigward tat-trasportaturi Litwani u Pollakki.

Minħabba l-kuntest legali attwali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq bejn l-UE, il-Federazzjoni Russa u r-Repubblika tal-Belarussja, l-ittra lis-Segretarju Eżekuttiv għandha tibqa' politika u toqgħod lura milli tidħol f'kunsiderazzjonijiet legali.

### b. *Il-ħtieġa ta' ittra konġunta f'isem l-Unjoni*

Filwaqt li t-trasport mill-Istati Membri lejn pajjiżi terzi għadu fil-bieċa l-kbira indirizzat permezz ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u dawk il-pajjiżi terzi, azzjonijiet unilaterali u mhux ġustifikati bħal dawk meħuda mill-awtoritajiet Belarussi f'dan il-każ jistgħu potenzjalment jaffettwaw kwalunkwe trasportatur ta' merkanzija tal-UE fil-futur. Barra minn hekk, ittra koordinata f'isem l-UE jkollha aktar piż, u tagħti appoġġ aktar robust lill-Istati Membri l-aktar affettwati, b'mod partikolari dawk li jmissu mal-Belarussja.

---

<sup>2</sup> [CERD](#); b'mod partikolari l-punt 1.2.1.1.

<sup>3</sup> Ara b'mod partikolari l-preambolu tal-[AETR](#).

### 3. TALBA BIEX DIN IL-KWISTJONI TITQAJJEM FI ĦDAN IN-NU/KEE

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għandha tintbagħat ittra lis-Segretarju Eżekuttiv tan-NU/KEE (abbozz hawn taħt) biex jintalab li dan is-suġġett jiġi diskuss f'laqgħa ta' sessjoni li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq, u/jew tal-Grupp ta' Esperti dwar l-AETR, fejn l-Unjoni tiġi rrappreżentata mill-Kummissjoni bħala Membru tal-Grupp ta' Esperti, u bħala Osservatur fil-Grupp ta' Ħidma.

Fid-diskussjoni, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jesprimi l-messaġġi ewlenin skont il-linji tal-ittra msemmija hawn fuq ikkomplementati, jekk xieraq, mill-elementi stabbiliti fit-Taqsimiet 1 u 2 hawn fuq.

#### *ABBOZZ TA' ITTRA LIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAN-NU/KEE*

*Suġġett: Imblokki ta' trakkijiet irreġistrati fl-UE mill-awtoritajiet Belarussi.*

Eċċellenza,

Mid-29 ta' Ottubru 2025 [sa...], l-awtoritajiet tal-Belarussja immobilizzaw mijiet ta' vetturi heavy-duty irreġistrati fl-UE fiż-żona tal-fruntiera bejn il-Belarussja u l-Litwanja, mingħajr ma pprovdew ġustifikazzjoni valida, u imponew tariffa ta' kuljum biex tiġi evitata l-konfiska sħiħa tal-vetturi u l-merkanzija li fihom.

Dawn l-azzjonijiet jirrappreżentaw imġiba inaċċettabbli mill-awtoritajiet Belarussi.

L-Unjoni Ewropea tħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jeħilsu dawn il-vetturi rreġistrati fl-UE u jirritornawhom lis-sidien leġittimi tagħhom fl-Unjoni Ewropea malajr u mingħajr ostakli addizzjonali.

Minħabba r-rwol tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) bħala forum internazzjonali ewlieni li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi membri tagħha fit-trasport bit-triq permezz ta' djalogu ta' politika, negozjar ta' strumenti legali internazzjonali, żvilupp ta' regolamenti u normi u skambju u applikazzjoni tal-aħjar prattiki kif ukoll għarfien espert ekonomiku u tekniku, b'mod partikolari fil-qafas tal-ftehim Ewropew dwar il-ħidma ta' ekwipaġġi ta' vetturi involuti fit-trasport internazzjonali bit-triq (AETR), u fid-dawl tal-gravità u n-natura sistemika potenzjali tal-problemi msemmija hawn fuq esperjenzati minn xi trasportaturi ta' merkanzija tal-UE, inkun grat jekk tista' twassal din it-talba lill-awtoritajiet Belarussi, u tgħaddi din il-korrispondenza lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn tal-AETR.

Napprezzaw jekk dan is-suġġett jiddaħħal fl-aġenda tal-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU/KEE dwar it-Trasport bit-Triq (SC.1) u aktar kmieni fil-forum tal-gruppi ta' esperti tiegħu.

Jekk jogħġbok, Eċċellenza, aċċetta l-assigurazzjoni tal-ogħla kunsiderazzjoni tiegħi.

*[iffirmat]*

Viċi Rappreżentant Permanenti tal-Istat Membru li jkollu l-Prezidenza tal-Kunsill għall-Unjoni Ewropea;

President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1).

---